MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2004

Numru. 344/2004

PULIZIJA
SPETTUR ALFRED MALLIA
VS
JOSEPH AZZOPARDI

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Joseph Azzopardi ta' 32 sema bin Emanuel u Josephine nee Kite, imwieled Pieta fit-2 ta' Novembru 1971, residenti 25, Triq Hanover, Bormla detentur tal-karta tal-identita numru 482271M talli f'Bormla fl-20 ta' Marzu 2004 spara arma tan-nar (air pistol) f'post abitat, jew fil-qrib tieghu, kif wkoll ikkaguna offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Glen Gatt minn Bormla skond kif iccertifika Dr Ian Gauci MD mic-Centru tas-Sahha ta' Paola.

Talli fl-20 ta' Marzu 2004 u fiz-zmien ta' qabel din id-data, f'Bormla, zamm arma tan-nar jewe munizjon minghajr licenzja rinovata ghas-sena 2004, mill-Kummissarju tal-Pulizija.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat il-verbal tal-11 t'Ottubru 2004 fejn l-imputat ammetta ghall-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza u wara li rat 221, 28A, 49 u 383 tal-kap 9 u Art 3 tal-kap 66 tikkundanna lill-imputat ghal xahrejn prigunrija sospizi ghal sena, filwaqt li tqieghed lill-imputat taht garanzija ta' Lm100 ghal sena bl-obbligazjoni li ma jimmolestax lil Glen Gatt. Inoltre tordna il-konfiska tal-arma esebita.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------